# IL-Huttafa

Il-Magażin ta' Klabb Huttaf

Numru **30** Jannar Frar 1999

BirdLife MALTA

*L-Għaqda għall-Għasafar*







QAWSALLEJONT!



Raymond Galea

## Vjolin tax-Xitwa

karta riċiklata

# editorjal

## Hbieb! Huttaf



Din hija l-ħarġa 30 tal-Ħuttafa! U x'kumbinazzjoni din is-sena **xi ħadd jagħlaq 30 sena**. Tafu min? U le, x'jien jien!

Eżattament 30 sena ilu, jiġifieri fl-**1969**, il-BirdLife (dak iż-żmien kien jisimha MOS) iddeċidiet li tibda torganizza xi ħarġiet u attivitajiet għall-membri żgħar tagħha! U twieldet il-**Young Members' Section** (YMS). Għall-ewwel il-membri li jattendu l-attivitajiet kienu ftit, tgħoddhom fuq id waħda...

Imma bil-għaqal ta' min kien imexxi dak iż-żmien, it-taqsima bdiet tikber. Qabżet il-100 membru, u bdiet toħroġ newsletter regulari. Imbagħad fit-tmeninijiet bidlulha isimha u saret **MOS Youths** (MOSY). L-attivitajiet ma waqfux...

U l-MOSY kibret u kibret, u l-attivitajiet baqgħu jiżdiedu. Il-MOSY qabżet il-500, is-600, it-800... Beda joħroġ il-magażin il-Kanġu...

U fil-bidu tad-disgħinijiet il-MOSY saret... **KLABB ĦUTTAF**! Illum il-Klabb tagħna jgħodd ma' l-1400 membru, u sirna ninkwetaw li s-sala ta' l-iskola tal-Furjana dalwaqt ma tibqax tesagħna!!!

Imsomma, **Happy Birthday Klabb Ħuttaf!** Issa sew, x'se nagħtuh rigal lill-Klabb?

victor

**Victor Falzon**
**Editur**

## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **paġ 2** |
| **Aħbarijiet ta' Malta** | **paġ 3** |
| **X'għandna mid-Dinja** | **paġ 4** |
| **Kompetizzjoni 30** | **paġ 4** |
| **Żmien il-Qtil** | **paġ 5** |
| **Ittri** | **paġ 6** |
| **Flora Madwarna** | **paġ 6** |
| **Gallerija** | **paġ 7** |
| **Attività** | **paġ 8** |
| **Ħmerijiet li nisma'** | **paġ 9** |
| **Mhux Fer** | **paġ 10** |
| **Prosit** | **paġ 11** |
| **Daħħal Membru** | **paġ 11** |
| **Posti Hawn!** | **paġ 12** |
| **Avviżi** | **paġ 12** |




Żagħrun ta' l-Għadajjar



BirdLife Pictures

**Ritratt meħud f'xi l-1980, fejn naraw membri tal-YMS (Klabb Ħuttaf ta' dak iż-żmien) jgħinu fil-bini tar-riserva ta' l-Għadira**

### Ritratt ta' Quddiem

Il-**Vjolin tax-Xitwa** (Chiffchaff *Phylloscopus collybita*) narawh fix-xhur s'intendi tax-xitwa - fil-fatt hawn min jgħidlu Tal-Maltemp. Għasfur żgħir ħafna, imma li m'għandux kwiet f'ġismu. Narawh spiss fil-ġonna tagħna u fil-kampanja, iqalleb mal-weraq biex jara jsibx xi insetti rqaq.


**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Pulis.


Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, lejliet kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin **Il-Ħuttafa** kull xahrejn għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fil-Klabb hija **Lm1.50** fis-sena.


**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**57 Marina Court Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12 Tel 347646 Fax 343239**


Materjal mill-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li tissemma' BirdLife Malta u tintbagħat kopja tal-materjal lil BirdLife fl-indirizz t'hawn fuq.


Stampat għand Poulton's Print Shop, Jannar 1999

aħbarijiet

Victor Falzon



... U feraħ iż-Żnuber!

# Il-qtugħ... maqtugħ!



Aħbar tajba! Ftit qabel il-Milied li għadda, id-Dipartiment ta' l-Agrikoltura ħareġ avviż fejn qal li issa **sar kontra l-liġi li żżejjen għall-Milied bil-friegħi taż-Żnuber jew taċ-Ċipress**. Qal ukoll li l-Pulizija se tieħu passi kontra min jikser din il-liġi.

Rigal tal-Milied xieraq lis-siġar Maltin! Tgħid fl-aħħar qegħdin nitgħallmu li mhux il-bniedem biss importanti fid-dinja!?

**Ftit fatti**

Ħafna Maltin għandhom il-vizzju li fi żmien il-Milied imorru jqaċċtu biċċiet minn siġar taż-Żnuber u taċ-Ċipress biex iżejnu d-dar jew il-ġnien. Hemm min anke jqaċċat siġar sħaħ! Biex imbagħad wara ftit ġranet... jarmuhom! Lanqas ħaqq is-snin li jkunu ħadu biex kibru.

BirdLife spiss tikkundanna dan l-aġir, anke b'ritratti fil-Ħuttafa (ara Ħ11 u Ħ23).

# Daħal fis-satra tal-lejl...



F'lejl f'Diċembru li għadda, fil-bajja ta' l-Għadira, tela' l-art ferħ ta' **Denfil ta' Risso** (Risso's Dolphin *Grampus griseus*). Sabuh xi nies mil-lukanda Mellieħa Bay. Il-lukanda ċemplu lill-Marine Life Care Group. Dawn ġew fil-pront (għalkemm kienu s-sagħtejn ta' bil-lejl), ħaduh f'bajja aktar kalma u qagħdu l-lejl miegħu sakemm deher li għaddielu li kellu. Mas-sebħ ħallewh jitlaq.

Prosit Mellieħa Bay Hotel! Prosit Marine Life Care Group!

**Ftit fatti**

Fl-ibħra ta' madwar Malta spiss jidhru dniefel jew balieni. B'xorti ħażina xi sajjieda u kaċċaturi joqtluhom, allavolja dan huwa kontra l-liġi. Barra minn hekk, dawn l-annimali kultant jidħlu f'xi bajja u minn jeddhom jitilgħu l-art, fejn spiss jifgħu u jmutu. Ħadd għadu ma jaf għaliex jagħmluh dan.

**Il-Fierce Snake, li jgħix fl-Awstralja, għandu biżżejjed velenu fi snienu biex joqtol 250,000 ġurdien!**



# X'għandna mid-Dinja!






## Il-Kaka komdu!



New Zealand għandha park nazzjonali kbir jismu **Fiordland National Park**. Ftit ilu ddeċidiet li dan il-park tkabbru ftit iktar. Se jżidu miegħu biċċa foresta antika,kważi darbtejn daqs Malta, li kienet fil-periklu li tinqata' għall-injam. F'din il-foresta jgħixu annimali rari ħafna, bħalma huwa l-**Kaka** *(Nestor meridionalis)*, speċi ta' pappagall li jinstab biss fi New Zealand.

BBCWildlife Dec98

## Aktar Astun Aħmar!

Fil-United Kingdom, l-**Astun Aħmar** (Red Kite *Milvus milvus*) kien inqered minn Scotland u minn England, u kien baqa' biss xi ftit pari go Wales. Għalhekk l-RSPB (il-BirdLife ta' dak il-pajjiż) bdiet proġett biex terġa' ddaħħal dan l-għasfur f'inħawi minn fejn kien spiċċa, u sadattant bdiet teduka lin-nies li dan l-għasfur huwa ta' ġid u ta' ġmiel għall-ambjent naturali.U jidher li l-proġett irnexxa, għax is-sena l-oħra sabu 260 bejta ta' dan l-għasfur! F'Malta rarissmu li jidher l-Astun Aħmar.

BBCWildlife Nov98

# KOMPETIZZJONI 30

*Norman Chetcuti (Mr Hyde)*

## MAMMIFERI MALTIN

| | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L | V | O | B | B | Q | G | Y | I | P |
| M | O | N | K | A | V | W | V | I | F |
| K | Q | C | N | L | L | L | P | O | F |
| B | N | F | E | L | L | I | N | F | E |
| Z | U | F | I | O | S | F | E | E | U |
| D | U | T | D | T | Z | N | M | N | J |
| F | D | B | R | T | I | E | E | E | A |
| X | A | E | U | R | J | D | S | K | N |
| G | L | R | G | A | G | O | X | T | P |
| L | M | U | D | D | E | G | U | B | Y |

Sibu l-**MAMMIFERI** mitlufin f'dit-taħbila. Il-kliem jista' jkun mimdud, wieqaf jew imxattar. **B'kollox għandkom issibu 12-il annimal.** Iktbuhom fuq karta u ibagħtuhielna, flimkien ma' isimkom u l-indirizz tagħkom.



**3 punti**

**BirdLife Malta**
**57 Marina Court**
**Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**

Ir-rebbieħ jingħata l-ktieb **L-Agħsafar.** Ċans għandkom sa l-1 Marzu 1999.

**Tqattgħux il-Ħuttafa!**



Ir-rebbieħa ta' Kompetizzjoni 29 hija **Colette Micallef** mir-Rabat. Colette tista' tmur tiġbor is-CD minn għand il-ħanut The Scorpion ta' Sir Paul Boffa Avenue, Paola. Importanti li tieħu magħha l-membership card u dil-ħarġa tal-Ħuttafa. It-tmien għasafar moħbijin kienu **sula, bilbla, xifa, tudun, rundun, pellikan, gallina** u **pitirross**.

## Grazzi...Saħħa...Merħba...Grazzi...Saħħa...Merħba...Grazzi...Saħħa...Merħba..

Klabb Ħuttaf jgħid grazzi lil **John Grech**, li għal dawn l-aħħar snin kien president tal-BirdLife, u li issa waqaf minn din il-kariga. Kemm dam President, John ħadem ħafna għall-għaqda tagħna, xogħol fir-riservi naturali, xogħol fiċ-ċentru l-ġdid tal-BirdLife u elf ħaġ'oħra. Għalhekk minn qalbna John: Grazzi ħafna! Fl-istess nifs, Klabb Ħuttaf jifraħ lill-President il-ġdid, li huwa **Antoine Vella**.

**Ħafna membri jċemplu ċ-Ċentru tal-BirdLife biex jistaqsuna xi kaċċatur jew nassab li raw kienx qed jikser il-liġi b'dak li kien qed jagħmel. B'xorti ħażina, HEMM xi affarijiet li mhumiex kontra l-liġi, għalkemm xorta waħda jagħmlu ħsara lill-għasafar u lill-ambjent. Hawnhekk se naraw liema huwa ż-żmien tas-sena meta tista' jew ma tistax issir kaċċa.**

# Żmien il-Qtil



BirdLife Pictures

**L-istaġun tal-kaċċa f'Malta huwa twil ħafna.** Fil-fatt hija ta' mistħija għalina li f'Malta għandna l-itwal staġun tal-kaċċa fl-Ewropa.

Naturalment, **BirdLife ma taqbel ma' l-ebda staġun tal-kaċċa f'Malta**, għax f'Malta l-kaċċa ssir għall-gost u mhux għall-ikel. BirdLife temmen li mhux sew toqtol l-għasafar biex tieħu pjaċir.

**BirdLife tikkundanna l-aktar il-kaċċa fir-rebbiegħa.** Dan għaliex ir-rebbiegħa hija żmien il-bejta. Bis-saħħa tal-bejtiet, jerġa' jiżdied in-numru ta' l-għasafar li jkunu mietu bil-kesħa tax-xitwa jew waqt il-passa tal-ħarifa. Għalhekk fir-rebbiegħa hija l-agħar ħaġa li tfixkel lill-għasafar. Speċjalment jekk toqtolhom!

**Skond il-liġi Maltija, il-kaċċa ma tistax issir is-sena kollha.** Lanqas l-insib. Jiddependi wkoll x'tip ta' kaċċa. Għat-tajr? Għall-fenek? Mill-art? Mill-baħar?

Hawn taħt qed inġibulkom tabella li turi l-istaġun tal-kaċċa u ta' l-insib f'Malta.

| | Jan | Fra | Mar | Apr | Mej | Ġun | Lul | Aww | Set | Ott | Nov | Diċ |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Kaċċa minn fuq il-baħar | Kaċċa minn fuq il-baħar | | | 22 Mej | | | | | Kaċċa minn fuq il-baħar | Kaċċa minn fuq il-baħar | Kaċċa minn fuq il-baħar |
| | Insib | | Insib | Insib | Insib | | | | Insib | Insib | Insib | Insib |
| | | | | | | Kaċċa għall-fenek | Kaċċa għall-fenek | Kaċċa għall-fenek | Kaċċa għall-fenek | Kaċċa għall-fenek | Kaċċa għall-fenek | Kaċċa għall-fenek |
| | | | 25 Mar Kaċċa mill-art | Kaċċa mill-art | Kaċċa mill-art | | | | Kaċċa mill-art | Kaċċa mill-art | Kaċċa mill-art | Kaċċa mill-art |

Il-partijiet il-bojod f'din it-tabella jfissru żmien li fih il-kaċċa jew l-insib huma kontra l-liġi. Barra minn hekk hemm żewġ regolamenti oħra, li jgħidu:

- il-kaċċa tista' ssir biss minn sagħtejn qabel titla' x-xemx sa sagħtejn wara li tinżel ix-xemx
- nhar ta' Ħadd u fil-festi pubbliċi l-kaċċa trid tieqaf fis-1pm.

Martin Meury



**Jekk tkunu tixtieq tirrappurtaw li rajtu xi kaċċa kontra l-liġi għandkom iċċemplu l-għassa tad-distrett tagħkom, jew inkella d-Depot tal-Pulizija u tgħidulhom iħallu messaġġ lill-A.L.E. Jekk għadkom żgħar ħalli lill-ġenituri jċemplu.**

**Nota mill-Editur:** Did-darba l-artiklu **Nittrumbjaw Fuq** ma waslilniex (minn Cambridge!) fil-ħin. Skużawna, imma tinkwetawx: Mark jerġa' jkun magħna mill-ħarġa li jmiss.

# ittri

## Għaliex?

Sur Editur,

Jisimni Steven u għandi 10 snin. Darba waħda kont għaddej miż-Żurrieq u rajt raġel isawwat il-kelb mingħajr ma kien għamel xejn. Għaliex jagħmlu hekk in-nies?

Grazzi.

Steven Galea
Mosta



## Ma Nafx!

Għażiż Steven,

Ma nafx għaliex in-nies tiġihom ix-xewqa li jaħqru l-klieb. Forsi għax il-kelb ma jpattihiex? Forsi għax il-kelb jaħfer mument wara li jissawwat? Ma nafx.

Ma nafx ukoll għaliex meta xi ħadd ikun kattiv ngħidulu: Kemm int kelb! Kellu bżonn kulħadd jaħfer u jinsa daqs il-klieb!

L-Editur

**Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk!**

Birdlife Malta
57 Marina Court
Triq Rigord
Ta' Xbiex MSD 12




## Jeżisti?

Għażiż Editur,

Tista' tgħidli jeżistux xi kotba dwar il-mammals ta' l-Ewropa. Jiena jogħġbuni dawn l-annimali, u għalhekk nixtieq inkun naf aktar dwarhom.

Jiena diġà għandi l-ktieb Flora u Fawna ta' Malta, imma xtaqt li jkolli ktieb fuq il-mammals biss.

Grazzi.

Edgar Grech
Mosta

## Jeżisti!

Għażiż Edgar,

Iva, jeżisti ktieb tajjeb ħafna dwar il-mammiferi kollha ta' l-Ewropa, u naf għax jien għandi dan il-ktieb u kemm-il darba wżajtu.

Il-ktieb jismu **The Mammals of Britain and Europe** ta' G Corbet u D Ovenden. Huwa ta' daqs komdu biex jinġarr, għax huwa tat-tip *field guide*.

Għandek issib tixtrih.

L-Editur








Victor Falzon

## *Flora Madwarna*

L-**Għansar** hija pjanta li faċli tagħrafha. Bħalissa tara ħafna minnha jikbru max-xagħri u l-isteppa. Għandha weraq kbir, lixx u aħdar karg ileqq, isfel wiesa' u t-tarf ġej għall-ponta. Dil-pjanta ttella' l-weraq kollu madwar il-bażi. Bħalissa l-weraq biss tara - il-fjuri baqagħlhom sas-sajf biex jitfaċċaw! Mill-basla kbira ta' l-Għansar jagħmlu mediċina li tintuża fil-kura tal-mard tal-qalb.




*"Books make a lasting gift"*
a great selection at special prices from
**MERLIN LIBRARY LTD**
Mountbatten Street, Blata l-Bajda



# Gallerija

Nimrod Mifsud (12)



Denfil Geddumu Qasir

Steven Galea (10)



Fjamingu

Nigel Sullivan (6)



Ċita

Ronald Camilleri



Ġojjin

David Pizzuto (11)



Kappun

3 punti

Tpinġix ikbar minn 10x10ċm, użа karta (mhux kartonċina) bajda u tpinġix bil-kulur. Ikteb isem l-annimali jew pjanta u ismek u l-età. Jekk iżżomm dawn ir-regoli, it-tpinġija tiegħek għad tidher fil-magażin.

# attività

## Sejrin Burmarrad!

Sejrin ħarġa fil-kampanja fl-inħawi ta' Burmarrad. Fuq l-għoljiet dawk in-naħat hemm **xagħri** interessanti, fejn forsi naraw xi **orkidi**. L-orkidi huma pjanti rari u delikati, imma għandhom fjuri sbieħ ħafna.

Hemm ukoll **Wied Għajn Riħana**, li f'daż-żmien tas-sena jżomm l-ilma. U fejn hemm l-ilma... hemm il–ħajja.



Data: **Il-Ħadd 21 Frar 1999**
Ħin: **8.30am**
Niltaqgħu: **Ħdejn il-Price Club (Burmarrad)**
Inġib: **Tromba jekk għandek**
Lura: **Xi nofsinhar**
Età: **Membri kollha**

## Sejrin Iċ-Ċirkewwa!

Se mmorru ħajk miċ-**Ċirkewwa**, u nimxu max-xatt tal-punent ta' Malta saċ-**Ċumnija**, imbagħad naqsmu l-wied għall-**Għadira**.

Data: **Il-Ħadd 14 Frar 1999**
Ħin: **7.30am**
Niltaqgħu: **Bieb il-Belt (ħdejn tal-ħalib)**
Inġib: **Tromba jekk għandek**
Lura: **Wara nofsinhar**
Età: **Membri li għalqu 12-il sena**

## Sejrin Għawdex!



Se mmorru ħajk **Għawdex**. Fejn eżatt naraw dakinhar!! Min ġej iċempel lil Justin fuq 440104.

Data: **Il-Ħadd 28 Marzu 1999**
Ħin: **6.30am**
Niltaqgħu: **Bieb il-Belt (ħdejn tal-ħalib)**
Inġib: **Tromba jekk għandek u flus għall-vapur**
Lura: **Filgħaxija**
Età: **Membri li għalqu 12-il sena**



# Ħmerijiet li nisma'...

*Desirée Falzon*

## Qawsallejont!!

**"Tpoġġihx fuq l-aħmar! Tpoġġihx fuq l-aħmar!"**

Ersaqt lejn il-grupp ta' tfal li kienu qed jgħajtu, biex nara x'kien dan l-eċitament. Kien kamalejont, li kien f'idejn wieħed minnhom. Meta staqsejthom għaliex kienu qed jgħidu hekk, waħda tifla qaltli: "Għax jekk tpoġġih fuq l-aħmar, huwa jipprova jsir aħmar ukoll, u bl-isforz imut."

Ħmerija! Ara kif jista' jkun! Il-kamalejont veru li jbiddel il-kuluri tiegħu, imma lanqas ma huwa qawsalla! Fil-ġilda tiegħu għandu ċelluli speċjali li fihom il-kuluri. Għandu ħodor, sofor, kannella u suwed. Meta l-kamalejont ikun irid jidher skur jiġbed 'il ġewwa ċ-ċelluli sofor u ħodor ċari u b'hekk jispikkaw iċ-ċelluli suwed, kannella u ħodor skuri. U bil-kontra meta jkun irid jiċċara.

Barra minn hekk, il-kamalejont ma jbiddilx skond l-oġġett li tpoġġih fuqu. Il-kuluri tiegħu qishom lingwa. Bihom jagħti messaġġ lill-annimali l-oħrajn. Per eżempju, jekk ikun irid ibeżża' predatur jew kamalejont ieħor, jaqleb għall-iskur u jintefaħ ħalli jidher ikbar.

**U bilħaqq! Il-kamalejont m'għandniex għalfejn neħduh f'idejna biex narawh ibiddel il-kuluri. Jekk trid tara kamalejont jinbidel, osservah fin-natura mhux f'idejk - JEKK jirnexxilek tilmħu!!!**



Nota mill-editur: Il-Kamalejont huwa mħares bil-liġi Maltija, jiġifieri ma tistax tagħmillu ħsara, la toqtlu, taqbdu jew iżżommu.

**Birdwatchers Club**

Tissejjaħx berdwoċer jekk m'intix
...fil-Birdwatchers Club!



**BirdLife Malta • 57 Marina Court Triq Rigord Ta' Xbiex MSD 12**
Tel **347646** Fax **343239** email **blm@orbit.net.mt**



# Mhux fer!



*Elisabeth Conrad*

**Fl-1998 inqatlu 31 miljun annimal għall-fer tagħhom. Dawn l-annimali inqatlu biex mill-ġilda tagħhom jagħmlu kowtijiet tal-fer ħalli n-nies sinjur joqogħdu jitkessħu bihom!**



Volpi maqbud f'leghold trap

Ħafna minn dawn l-annimali jinqabdu mis-selvaġġ bin-nases. Waħda min-nases li tintuża hija l-**leghold trap**. Meta jinqabdu annimali fiha, dawn ma jmutux mill-ewwel. Jippruvaw jaħarbu u jispiċċaw iweġġgħu aktar. Ħafna jigdmu n-nassa tal-ħadid u jkissru snienhom magħha. Oħrajn jigdmu s-sieq maqbuda biex jippruvaw jaqtgħuha barra, ħalli jkunu jistgħu jaħarbu. Dawn xorta jmutu għax jitilfu ħafna demm jew taqbadhom infezzjoni. Jekk le, imutu żgur bil-ġuħ, għax bi tliet saqajn ma taqbadx x'tiekol!

Nassa oħra li tintuża hija l-**Conibear trap**. Jekk annimal jgħaddi minnha, din tkissirlu dahru jew għonqu. L-industrija tal-fer tgħid li din-nassa hija ħanina għax l-annimal toqtlu mill-ewwel! Imma fil-fatt ħafna eluf ma jmutux mill-ewwel, imma jibqgħu maqbudin f'uġigħ kbir sakemm jinqatlu min-nassab. Ħafna annimali ġieli jdumu fin-nassa tlett ijiem.

Niġu issa għall-**farms tal-fer**. Xi nies jgħidu li l-farms huma inqas kattivi mill-insib. Imma fil-verità dawn il-farms m'huma xejn ħlief kampijiet ta' tortura, fejn l-uniku interess huwa l-flus. L-annimali tal-fur farms jingħalqu f'gaġeġ żgħar, mingħajr spazju u mingħajr kumpanija ta' annimali oħrajn. Dawn l-annimali **jiġgennu f'dak iċ-ċokon**, jippassiġġaw bla waqfien min-naħa għall-oħra tal-gaġġa.

L-annimali tal-gaġeġ jiġu ttrattati ħażin ħafna, b'**nuqqas kbir ta' ndafa** u kumdità. Ħafna minnhom jinfettaw saqajhom mal-ħadid maħmuġ tal-gaġġa. Imbagħad, wara din it-tortura kollha, **jinqatlu bil-gass, b'xokk jew bil-velenu.**

L-industrija tal-fer għandha effetti ħziena wkoll fuq l-ambjent naturali. Biex jitrabbew l-annimali għall-fer tagħhom **tinħela ħafna enerġija**. Barra minn hekk, biex isiru dawn il-kowtijiet tintuża kwantità kbira ta' **kimika perikoluża**, li s-soltu t tispiċċa fix-xmajjar, fil-ħut u fin-nies. Din il-kimika tikawża mard tan-nifs u kanċer.

Insemmu wkoll il-fatt li meta l-bniedem jaqbad mis-selvaġġ ħafna annimali ta' speċi waħda, dan **ikisser il-bilanċ tan-natura**, u jħalli effetti li ħadd ma jistennihom.

B'xorti tajba, f'dawn l-aħħar snin **kiber sew is-sapport** għall-kampanji kontra l-fer. Ħafna pajjiżi waqqfu l-użu tal-leghold traps. Ħafna atturi, kantanti u nies famużi oħrajn ukoll urew is-sapport tagħhom. Anke l-World Council of Churches ikkundannat l-użi tal-fer.

**U fil-fatt is-sena l-oħra l-bejgħ tal-kowtijiet tal-fer naqas.**

Imma jibqa' l-fatt li l-figura li semmejna fil-bidu - dik tal-qtil ta' 31 miljun annimal - turi li l-problema għadha hemm.



Mink abjad maqful f'gaġġa

**Jidher li wisq nies għadhom ma fehmux li post il-fer huwa biss fuq l-annimal!**

# Aqra din...

**Il-ktieb L-Agħsafar qed inbigħuh bi prezz speċjali ta' Lm1.75 flok Lm2.50!!**



- **Roħs ta' 30%**
- **L-uniku gwida għal-għasafar bil-Malti**
- **Ktieb ta' 190 paġna.**
- **Fih it-tajr kollu ta' Malta**
- **96 għasfur bil-kulur**
- **200+ tpinġija oħra**

Tista' tiġi tixtri l-ktieb mill-BirdLife f'Ta' Xbiex (9am-1pm Mon-Fri) **jew** tibgħat ċekk ta' Lm2 u nibagħtuhulek bil-posta d-dar.

*Ċekkijiet pagabbli lil **BirdLife Malta***

## membru + membru

Dawn huma l-Huttaf li daħħlu membri ġodda fil-Klabb f'Novembru u Diċembru 1998.

| | |
|---|---|
| Rodney Gauci | Clinton Pisani |
| Olen Terribile | David P Cilia |
| André Callus | Gilbert Haber |
| Naill Retton | Karen Camilleri |
| Marlon Borg | Kristina M Bartolo |
| Veronica Barbara | Felicity Borg |
| Christine Saliba | Ronald Sultana |
| | Kyle Bugeja |



**Prosit!**

# Daħħal MEMBRU fi Klabb Huttaf

## u lilek nibagħtulek...



- **Tliet pitazzi ta' l-għasafar u**
- **Stiker bil-kulur ta' għasfur**

**Hajjar** ħabib jew ħabiba jidħlu fi Klabb Huttaf, **tihom** jimlew kopja ta' dil-formola, **imla** isfel id-dettalji tiegħek stess, u **ibgħathomlna**, flimkien mal-Lm1.50ċ tal-membru l-ġdid. Il-pitazzi u l-istiker jaslulek bil-posta fi ftit ġranet. **Garanzija!**



**DETTALJI tal-MEMBRU ĠDID**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Data tat-Twelid ______________________

Telefon ______________________

**Ftakar ukoll li għal kull membru li ddaħħal, inti tieħu 8 punti fl-iskema Huttafa tas-Sena**






**DETTALJI TIEGĦEK STESS**

Isem u Kunjom ______________________

Indirizz ______________________

______________________

Postcode ______________________

Telefon ______________________

**TQATTAX IL-MAGAŻIN - HU FOTOKOPJA**

**Ibgħat kollox lil BirdLife Malta - 57 Marina Court Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12**

Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew Postal Order jew 25 bolla tas-6ċ



# Posti HAWN! MHUX fiċ-Ċirku!

## Grazzi Ġurnali!

Nixtiequ ngħidu grazzi lill-gazzetti **The Times**, **The Malta Independent**, **L-Orizzont** u **In-Nazzjon** tallikull darba li toħroġ Il-Ħuttafa, dawn qed iġibulna fil-paġni tagħhom avviż dwar il-magazin tagħna. Grazzi kbira wkoll lill-ħabib tagħna berdwoċer **Alex Casha** li qed jieħu ħsieb jikteb dawn l-artikli u jwassalhom lill-gazzetti.

## Il-Ħuttafa tas-Sena

Diġa daħlu 99 membru fl-iskema Ħuttafa tas-Sena. Dawn huma l-5 li jinsabu fuq quddiem.

| | |
|---|---|
| **Jurgen Pavanello** | **27** |
| **Dawn Costa** | **16** |
| **Earl Vella** | **16** |
| **Steven Galea** | **16** |
| **Kristina Bartolo** | **13** |



## IMPORTANTIMPORTANTIMPORTANTIMPORT

L-indirizz il-ġdid ta' BirdLife Malta kellna *mill-ġdid* nerġgħu nirranġawh ftit, minħabba li fettlilhom bidlu n-numri tal-bibien! Mela issa l-indirizz irid jinqara hekk:




**BirdLife Malta**
**57 Marina Court**
**Triq Rigord**
**Ta' Xbiex MSD 12**

Meta tiktbulna, qisu li l-indirizz tikbuh EŻATT kif jidher hawn fuq. Jiġifieri iddaħħlux iktar il-kliem KLABB ĦUTTAF jew KOMPETIZZJONI jew EDITUR jew IL-ĦUTTAFA jew ALIVE jew GALLERIJA jew ISEM XI ĦADD. Dan minħabba regola tal-posta, li jekk ikun hemm kliem li mhux parti eżatt mill-indirizz, il-BirdLife teħel ċitazzjoni *kull darba*! U l-flus aħjar nużawhom f'xi fuljett sabiħ. Mhux hekk?!